**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 500/2017**

Il-Pulizija

vs

**Wayne Fenech**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 500176(M)

Illum, 27 ta' Frar, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Wayne Fenech quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli inqast li tagħti lill ALICE CUTAJAR, is-somma ta' 500 EUROS FIX-XAĦAR, ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal uliedek u/jew martek, fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellah titħallas dik is somma (Kap 9 Artiklu 338 (z) )

Dan in-nuqqas seħħ fix-xahar ta' Gunju, 2017.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Novembru, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet l-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.
Rat ir-rikors tal-appellanti Wayne Fenech minnu pprezentat fit-28 ta' Novembru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka, tħassar, tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lir-rikorrenti ħati tal-akkużi miġjuba kontrih, tirriformaha għal dik li hija l-piena nflitta ta' ġimgħa detenzjoni u dana billi tagħti piena aktar xierqa u ġusta għaċ-ċirkostanzi.

Illi f'kas li l-Onorabbli Qorti tal-Appell tiddeċiedi li tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellanti jitlob li jkun jista' jintbagħat fl-Isptar Monte Carmeli minflok il-Faċilità Korrettiva Kordin in vista tal-istat tas-saħħa tiegħu.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

**1.** Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt li ġimgħa detenzjoni imposta fuq ir-rikorrenti huma għal kollox eżaġerati tenut kont tal-fatti tal-kas.

**2.** Illi l-fatti ta' dan il-kas huma s-segwenti.

**3.** Illi permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni bonarja tan-Nutar Dr Ruth Antoinette Grima datat 20 ta' April 2011, l-appellanti obbliga ruħu li jħallas mitt euro (€100) fil-ġimgħa, jiġifieri ħamsin euro (€50) kull ġimgħa għal kull wild. Dan kien jinkorpora l-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni.

**4.** Illi dak iż-żmien l-appellanti kien impjegat u kien anki jmexxi kumpanija – kien b'saħħtu u kellu l-mezzi sabiex jagħmel dan il-ħlasijiet mensili. Fil-fatt hu dejjem għamel dawn il-ħlasijiet.

**5.** Illi lura fis-sena 2014 l-appellanti għamel intervent mediku iżda dan l-intervent mhux biss ma rnexxiex iżda saħansitra nqalgħu riperkussjonijiet li l-appellanti għadu jbati bihom sal-lum. Dan jista' jiġi kkonfermat bix-xhieda ta' diversi tobba fosthom Dr Mark Xuereb; Dr Etienne Abela; Dr Hector Cutajar; Prof Carmel Mallia; Prof Godfrey LaFerla.

**6.** Illi minħabba f'hekk l-appellanti kien kostrett li jibda jaħdem biss *part-time*.

**7.** Illi minkejja l-paga miżera li kien jaqla, f'dak iż-żmien l-appellanti baqa dejjem iħallas il-manteniment dovut ta' mitt ewro (€100) fil-ġimgħa kif miftieħem. Dan kien possibli għaliex kien iħallas minn flus li huwa kien faddal meta kien għadu jaħdem u kien b'saħtu.

**8.** Illi s-saħħa tal-appellanti baqgħet sejra lura u fl-aħħar ta' Mejju 2016 hu kien kostrett li jieqaf anki mix-xogħol *part-time* minħabba d-deterjorazzjoni tas-saħħa tiegħu. Dan kellu effeti anki psikjatriċi fuq l-appellanti. Dan huwa kkonfermat ukoll minn *Medical Report* li sar **f'Ottubru 2017** mill-Professur Godfrey LaFerla, *Consultant Surgeon* (Anness u mmarkat bħala Dok A).

**9.** Illi llum l-appellanti huwa anki mdaħħal fir-reġistru ta' Persuni b'Diżabbilta u kawża ta' hekk hu jkollu jonfoq somma ta' flus mhux żgħira fuq mediċini.

**10.** Illi l-benefiċċji tas-Sigurta Soċjali li kien jieħu l-appellanti twaqqfu f'Marzu 2017 u li minn dakinhar ma setgħax iħallas iktar. Filfatt il-kwereli kontra tiegħu huma minn April 2017 sa' Awwissu 2017 ħlief Lulju 2017.

**11.** Illi llum il-ġurnata l-appellanti qed jgħix b' mija u tlett ewro u erbatax il-ċenteżmu (€103.14) li hu jirċievi mingħand is-sigurta soċjali bħala benefiċċju speċjali għal qgħad. B'hekk huwa impossibli li l-appellanti jgħix b' tlett euro u erbatax il-ċenteżmu (€3.14) fil-ġimgħa.

**12.** Illi tant m'għandhomx mezzi li li l-appellanti u l-mara tiegħu jgħixu fid-dar tal-ġenituri tal-appellanti. Missier l-appellanti għandu 62 sena u ilu bla xogħol minn Diċembru tal-2014 u b'hekk ma jistax ikompli jgħinn lit-tifel tiegħu sabiex ilaħħaq mal-ħlasijiet mensili dovuti f'dan l-ammont.

**13.** Illi l-appellanti kien talab li tinfetaħ medjazzjoni fejn hu ma kienx talab li ma jħallasx il-manteniment, iżda kien talab li l-ammont jitnaqqas għal sittin euro (€60) fil-ġimgħa – li huwa iżjed min-nofs l-ammont li huwa jirċievi mill-benefiċċju speċjali tal-qgħad. Iżda Alice Cutajar ma riditx tikkopera f'dawn is-seduti u għalhekk il-medjazzjoni ingħalqet.

**14.** Kif ingħad l-aggravju tal-appellant hija fir-rigward tal-piena lilu mogħtija u dana minħabba l-fatturi segwenti:

a) Ma ngħatatx id-debita konsiderazzjoni tal-istat ta' saħħa tal-appellanti li mhuwiex f'kundizzjoni li jaħdem;

b) Ma ngħatatx id-debita konsiderazzjoni li l-mezzi u l-introjtu ta' Alice Cutajar huma ferm aħjar minn tal-appellanti;

c) Ma ngħatatx id-debita konsiderazzjoni tal-fatt li meta kellu l-mezzi – u anki meta ma kellux għax kellu jaħdem *part-time* – l-appellanti dejjem ħallas il-manteniment dovut u miftieħem;

d) Ma ngħatatx id-debita konsiderazzjoni għall-fatt li l-appellanti m'għandu ebda dħul li minnu jista' jħallas l-ammont intier tal-manteniment mistenni minnu;

e) Ma ngħatatx id-debita konsiderazzjoni għall-effetti fuq is-saħħa fiżika u s-saħħa morali li piena karċerarja – qasira kemm hi qasira – jista' jkollha fuq l-appellanti.

**15.** L-artiklu 338(z) jispjega biċ-ċar fejn tidħol il-ħtija tar-rikorrenti u dwar dan ma hemm ebda punti li dwarhom jista' jilmenta. Infatti l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri" [18.9.2002] meta ċċitat b'approvazzjoni sentenza oħra tal-istess Qorti diversament preseduta (Appell Kriminali Pulizija vs. Anthony Saliba; [15.7.1998] spjegat biċ-ċar *"...il-fatt li persuna tisfa bla xogħol ma jiskużahiex mill-obbligu tagħha li twettaq id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili, obbligu sanċit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li taħtu hu akkużat l-appellant. Ir-rimedju li għandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi żmien utili lill-Qorti Ċivili kompetenti biex din, wara li tieħu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jħallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-ħlas skont l-ewwel Digriet. Fi kliem ieħor sakemm ikun għadu viġenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim' Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-ħlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax ħlief issib u tikkonferma ħtija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempra ruħu ma tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raġuni, jew pretest biex jagħmel dan. Altrimenti, din il-Qorti minn flok Qorti ta' Appell Kriminali tispiċċa tirriduċi ruħa f'waħda ta' reviżjoni dwar l-effikaċja u r-raġonevolezza ta' Digriet jew sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond' Awla, mansjoni li żgur li ma taqax taħt il-kompetenza tagħha."*

**16.** Iżda fid-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali presedut mill-Onor. Imħallef J. Galea Debono fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2006 fl-Appell Kriminali numru 84/2006 Il-Pulizija vs. Joseph Micallef saret referenza b'approvazzjoni għall-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Publius Said" [25.9.2003], *"l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenżjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu*

*riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom biex effettivament iħallsu w mhux biss li jippunixxi għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li, kif intqal, għandhom dejjem jiġu obduti w osservati skrupolożament. F'dan il-kaz dan il-għan issa ntlaħaq bil-ħlas fuq imsemmi."*

**17.** L-imposizzjoni ta' detenzjoni hija, f'każijiet bħal dawn, u dejjem bir-rispett, odjuża jekk ma twassalx finalment għall-ħlas ta' manteniment kif dovut skont il-kuntratti jew digriet in kwistjoni. Il-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti weħlet ġimgħa detenzjoni lill-appellant qiegħed effettivament iżid fuq it-tbatija li qedgħa ssofri l-kwerelanti stess stante li l-appellanti mill-ħabs żgur li ma jkunx fi stat li jaqta l-manteniment mertu tal-kwerela odjerna.

**18.** Jista jingħad ulterjorment illi hija verita fattwali u assoluta li jekk l-appellanti jingħata sentenza ta' detenzjoni fuq l-akkużi mertu ta' dan l-Appell ma jkunx qiegħed jintlaħaq l-iskop tal-legiżlazzjoni – anżi propju bil-kontra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi llum seduta stante l-parti civili Alice Cutajar ikkonfermat bil-gurament illi l-manteniment dovut ghax-xahar indikat fl-akkuza thallas u ma fadallu l-ebda pretenzjoni altru fir-rigward.

Illi dan maghdud l-akkuza xorta wahda trirrizulta ippruvata ghalkemm hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tghaddi biex tirriforma  s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn din sabet htija fl-appellant ghar-reat lilu addebitat, tghaddi biex tvarja il-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

Edwina Grima
Imhallef